**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Mario Ellul**

**Illum 9 ta' Lulju, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Ellul detentur tal-karta ta' l-identita' numru 251977(M) billi huwa akkuzat talli nhar is-17 ta' Mejju 2019 gewwa l-ghassa Birzebbugia ghall-habta tal-17:30hrs:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Evelyn Micallef hekk kif certifikat minn Dr David Agius (Med Reg 3789), liema persuna hija l-ex mahbuba ta' Mario Ellul.

Akkuzat ukoll talli nhar is-17 ta' Mejju 2019 gewwa l-gzejjer Maltin:

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat.

3. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn WPS 7 T. Farrugia Cuschieri PC 1401 C. Copperstone ufficjali pubblici waqt li kien qed jaqdi d-doveri taghhom. U dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli nhar is-17 ta' Mejju 2019, u fil-jiem u x-xhur ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin:

4. Gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Evelyn Micallef u dan bi ksur tal-Art 251A(1)(a), (4) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

5. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil l-istess, Evelyn Micallef biza' li se tintuza vjolenza kontriha u dan bi ksur tal-Art. 251 (B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Evelyn Micallef u Jonathon Caruana u l-familji taghhom ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti' inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-18 ta' Mejju 2019 biex il-kaz ikun trattat bi procedura sommarja (*a fol* 7);

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2020 (*a fol* 142 *et seq*).

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kaz imur lura ghas-17 ta' Mejju 2019 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebugia ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' waranofsinnhar. Jidher li kemm l-imputat Mario Ellul kif ukoll il-parte cvile Evelyn Micallef li sa ftit jiem qabel kienu f'relazzjoni *off and on* bejniethom marru jirrapurtaw lil xulxin l-ghassa u ltaqghu hemm. Evelyn Micallef qieghda ssotni li l-imputat ikkagunalha griehi hfief f'ghajnejha meta waqt li kienu qeghdin jargumentaw laqatha b'subajh. L-imputat cahad dan spjega li veru li kellu argument maghha li beda l-gurnata ta' qabel meta baghtlu ritratt il-boyfriend il-gdid taghha tieghu maghha jitbewwes. L-imputat qieghed ikun mixli ukoll li uza mezzi ta' komunikazzjoni biex jhedded lil parte civile li kien se jaghmel reat, li gab ruhu li ta fastidju u li l-imgieba tieghu kkagunatilha biza' li se tintuza vjolenza kontriha.

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu tnax (12) -il xhud kif gej:

Spettur Roderick Attard (*a fol* 53 et. seq.); Evelyn Micallef (a fol 60 et. seq.); Dr. Diana Balzan (*a fol* 72 et. seq.); Rita Borg (*a fol* 74 et. seq.); Jonathan Cassar (*a fol* 77 et. seq.); Supretendent Josric Mifsud (*a fol* 95 et. seq.); WPS 7 Theresa Farrugia (*a fol* 98 et. seq.); PC 1401 Christopher Copperstone (*a fol* 106 et. seq.); Dr David Agius (*a fol* 114 et. seq.); Spettur Roderick Attard (*a fol* 117 et. seq.); Spettur Roderick Attard (*a fol* 128 et. seq.); Spettur Roderick Attard (*a fol* 135 et. seq.).

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel

[1] Il-Qorti qieghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza

li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

Il-Prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq ix-xhieda tal-parte civile Evelyn Micallef u ohtha Rita Borg u certifikati medici. Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile naqsu li jipprezentaw provi biex jissustanzaw hafna mill-imputazzjonijiet taghhom tant li ma prezentaw l-ebda cctv footage mill-Ghassa tal-Pulizija fejn qieghed ikun allegat li sehh il-kaz dejjem jekk hemm, ma esebiet l-ebda informazzjoni minghand service providers tal-allegati telefonati li seta' kien hemm u mill-liema numru saru u lil min dawn jappartjenu. Kif se jkun indikat aktar 'l quddiem la l-parte civile, la ohtha u lanqas dak li kien boyfriend taghha wara li spiccat ir-relazzjoni mal-imputat ma jaghtu dettalji ta' dati u hinijiet li fihom sar it-theddid permezz tat-telefonati. Lanqas gew esbiti ritratti tal-allegata ferita li soffriet il-parte civile.

## Apprezzament tax-xhieda[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil- gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil- profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deciz 6 ta' Frar 2020

Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil- miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din

il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il- Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall- provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa

---

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż Majid,[4] Lord Moses stqarr hekk :

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti

[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal- akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xiehda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-imputat jixhed. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u ghandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal- Appell deċiża

nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni.

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawża abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[6]

---

[6] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[7] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

[7] Appell Kriminali Numru. 115/2006

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *id-deċizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti,* ***billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ:***

Il-Qorti qieghda taghmel enfasi fuq kif ghandha tanaliza x-xhieda ta' xhud minhabba li waqt li kienet qieghda tixhed il-*parte civile* l-Qorti fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2019 kellha twissiha dwar il-komportament taghha fuq il-pedana tax-xhieda u anke fakkritha f'dan l-artikolu partikolari tal-ligi u l-importanza li tikkontrolla l-attitudni taghha (*a fol* 66).

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kwistjoni li ghandha din il-Qorti hi jekk fil-fatt ghandhiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre' d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat u dan bix-xhieda ta' Evelyn Micallef li id-difiza ssostni li ma tistax tkun meqjusa bhala xhieda affidabbli ghall-mod ta' kif xehdet u l-precedenti taghha inkluz l-attakk li wettqet fuq Kap ta' Skola, fuq il-pulizija u fuq l-imputat stess u l-provokazzjoni li kien hemm qabel il-kaz.

Illi m'hemmx dubju illi fuq kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhud Evelyn Micallef li minghajr ix-xhieda taghha u dan ghalhekk il-Qorti

ghandha tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda taghha u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Il-provi li ressqet id-difiza</u>**

F'dan il-kaz id-difiza ghazlet li tressaq provi u ghamlet dan fi stadji varji tal-process:

Tliet ritratti li juru feriti li soffra l-imputat Mario Ellul f'incident precedenti mal-parte civile (*a fol* 82 *et seq*)

Rstratt minn messenger fejn s-sieheb ta' dak iz-zmien tal-parte civile Jonathan Caruna baghat lill-imputat lejlet l-incident tal-ghassa ta' Birzebugia (*a fol* 85)

Tahrika ta' kawza tal-pulizija kontra l-parte civile Evelyn Micallef fejn hi mixlija li fid-9 ta' Mejju 2019 serqet arlogg Rolex ghan-dannu tal-imputat u li hebbet ghalih (*a fol* 119)

Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta' Mejju 2019 fejn il-*parte civile* instabet hatja fuq kontravenzjonijiet dwar ksur ta' bon ordni u nuqqas ta' ubbidjenza ta' ordnijiet tal-pulizija u kienet ikkundannata multa ta' mija u hajmsin ewro. L-imputazzjoni relatata mal-imputat waqghet ghaliex Mario Ellul irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront taghha (*a fol* 123)

Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-15 ta' Frar 2018 fejn il-*parte civile* nstabet hatja dwar incident fl-iskola sekondarja ta' Santa Klara Pembroke meta heddet zewg ghalliema u kienet ikkundannat elf u hames mitt ewro u ordni ta; protezzjoni fil-konfront taz-zewg ghalliema ghal tliet snin *a fol* 137)

Huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

**<u>Komportament ta' xhud</u>**

Il-Qorti tat piz lil dak li xehdu l-pulizija li huma x-xhieda indipendenti ghal kollox mill-partijiet biex tipprova tifhem sewwa dak li sehh. Il-Qorti tinnota li l-pulizija ghamlu dak mitlub minnhom li jipprevenu li jsiru incidenti u anke tqis l-attegjament tal-partijiet f'dan il-konflitt. Kemm WPS7 Theresa Farrugia kif ukoll PC1401 Christopher Copperstone juru aspett importanti fil-komportament u l-attegjament tal-*parte civile*.

Ix-xhud **<u>WPS7 Theresa Farrugia</u>**[8] xehdet li:

> *Nhar is-sbatax ta' Mejju jiena rċevejt informazzjoni mingħand il-Control Room tagħna fejn qaluli li kienet ċemplet persuna femminili u tathom l-address ta' Chain Court, Triq iċ-Ċiċerun, Marsaxlokk* ***<u>fejn qalet li kien hemm l-eks għarus tagħha li kien qiegħed wara l-bieb jheddidha lilha u lill-partner li għandha preżentament. Jiena nżilt</u>***

[8] Xehdet fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2019 *a fol* 98 et seq

***fuq il-post fi Triq iċ-Ċiċerun fejn hemmhekk sibt lil Evelyn Micallef li kienet qegħda fil-gallarija tal-flat u staqsejtha fejn kien l-eks partner tagħha. Hi qaltli li kien għadu ma niżilx però rċeviet telefonata li dan kien ser jinżel għaliha.***

*[…]*

*Jiena nżilt l-Għassa fejn għamilt kuntatt ma' Mario Ellul u għedtlu biex jinżel l-Għassa. Ġie l-Għassa Birżebbuġa, tajtu d-dritt tal-Avukat fejn dan irrinunzja għalih. Saqsejtu u nfurmajtu b'dan ir-rapport fejn huwa qalli li din il-biċċa tax-xogħol kienet bdiet fil-ħmistax ta' Mejju fejn kien qed jirċievi xi diversi messaġġi mingħand Evelyn Micallef. Emm fost messaġġi li jiena ktibt kien hemm miktub: "Mario, my life" u li tħobbu.*

*Fis-sittax ta' Mejju beda jirċievi diversi telefonati kemm minn mill-mobajl u kif ukoll mit-telefown ta' Evelyn u fis-sittax ukoll ta' Mejju filgħaxija kien irċieva ritratt mingħand Jonathan Caruana għall-ħabta tal-għaxra u nfs ta' bil-lejl fejn f'dan ir-ritratt kien hemm Jonathan Caruana u Evelyn qegħdin ibusu lil xulxin u kitiblu: "Tiegħek m'għadiex Ħallieha bi kwiet. Ok." Mario Ellul qal li kien ikkuntattja lil Evelyn minħabba dan il-messaġġ li rċieva u minħabba li hi kienet qed tgħajru wkoll fosthom b'missieru li kien qiegħed il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Meta mistoqsi jekk kienx għajjarha lura, ma kienx heddidha. Fuq it-tgħajjir qal li iva kien għajjarha lura għax hi kienet għajritu u ħabba r-ritratt u fuq it-theddid innega kollox.*

*[…]*

*L-Għassa jiena sibt lil Jonathan Caruana u Evelyn Micallef u Mario Ellul ma kienx hemm.* ***Min-naħa tiegħi saqsejt lil Evelyn għalfejn kienet niżlet fejn hi qalet li tixtieq iżżid mar-rapport li kienet***

***qalet*** *u qalet għax ftakret li dakinhar filgħodu kienet kelmet lil ċertu Rita Borg li tiġi oħtha u Mario Ellul kien għamel kuntatt fis-sitta ta' filgħodu ma' Rita Borg permezz ta' telefonata u kien qallha biex tavża lil Evelyn li fejn ser jaraha ser jaqbad sikkina u joqtolha.*

Ix-xhud **PC1401 Christopher Copperstone**[9] xehed li:

*Mela, nhar is-sbatax ta' Mejju elfejn u sbatax għall-ħabta tal-ħamsa u għoxrin, u dsatax-il minuta jien waqt li kont xogħol l-Għassa Birżebbuġa kont qed nieħu rapport. Hin minnhom daħal Mario Ellul, fejn qal li rċieva xi messaġġi ta' theddid mingħand Evelyn Micallef. Iżda jien innutajt dak il-ħin li daħal l-Għassa li kellu l-vettura pparkjata fuq tal-Pulizija u jien għedtlu biex joħroġ il barra mill-Għassa sabiex imur jipparkjaha f'post aħjar, f'post e kif suppost.*

*Wara ftit meta ħareġ Mario biex imur jipparkja l-vettura tiegħu, li ġie biha daħlet Evelyn l-Għassa u qalet l-istess li trid tagħmel rapport fil-konfront ta' Mario.* ***Sabiex nevita li jqum argument ġol-Għassa għax kont naf li s-sitwazzjoni bejniethom xejn ma kienet sew jiena għedt lil Evelyn sabiex toħroġ barra għax kien ġej Mario ħa jagħmel ir-rapport tiegħu umbagħad inċempillha jiena u neħdilha r-rapport.***

***Emm ħin minnhom waqt li jien kont qed inkeċċieha għax din baqgħetli l-Għassa****, daħal Mario nsomma u jiena sadanittant ilħaqt dħalt inkompli ma' dan ir-raġel li kont qed nagħmillu rapport. Insomma daħal Mario l-Għassa dak il-ħin u qam argument.*

[9] Xehed fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2019 *a fol* 106 *et seq*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Kevin J. Farrugia) vs Carmelo Callus Jason Callus**[10] meta ccarat aktar dwar kif Gudikant ghandu jipprocedi meta jkun hemm konflitt ta' verzjonijiet:

*"Din il-Qorti hasset il-htiega illi ticcara li dak li sal-lum kienet meqjusa bhala regola tal-mod kif ghandha tipprocedi l-Qorti jew l-imhallfin tal-fatti fil-guri meta si tratta ta' konflitt ta' verzjonijiet, muhiex rizultat ta' xi provediment tal-ligi li espressament jghid dak ritenut mis-sentenzi citati. Huwa pjuttost process naturali tal-bon sens li jirrikjedi li f'kaz ta' divergenzi fix-xhieda, il-gudikant ghandu jara, skond il-provi mressqa u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, minn minnhom ghandu jkun emnut. Wara kollox il-process penali hafna drabi hu kompost minn sitwazzjonijiet konflingenti jew ghaliex l-imputat jew ix-xhieda jghidu hwejjeg li huma kontrastanti ghal-verzjoni tal-prosekuzzjoni jew ghaliex il-fatti emergenti mill-process ma jaghmlux omagg ghad-deposizzjoni ta' uhud jew ghall-fatti imputati. Il-gudizzju huwa ghalhekk fdat f'idejn il-Magistrat jew l-Imhallfin tal-fatti fil-guri bil-kawtela illi fejn il-konflitt huwa tali li ma jistghux jasslu ghal-konkluzzjoni li verzjoni minnhom tant ghandha mis-sewwa li biha tista' tinstab htija allura mbaghad japplika l-principju in dubio pro reo u jghaddu ghal-liberazzjoni. Dan fil-fatt hu rifless fis-sub- artikolu (2) tal- artikolu 638 meta jghid : **".....f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.""***

[10] Appell Nru. 534/2014 deciz mill-Imhallef Giovanni M Grixti fil-24 ta' Settembru, 2018

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**L-Ewwel imputazzjoni**
**Feriti hfief**

Skont gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279). F'dan il-kaz m'hemmx, u dan kif xehed **Dr David Agius (Med Reg 3789**)[11]:

*Nikkonferma ċ-ċertifikat tiegħi fuq Evlyn Micallef li eżaminajtha fis-sbatax (17) ta' Mejju ta' din is-sena (2019) għal xi d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (~ 9.30 p.m.). Meta eżaminajtha sibt xi ġrieħi fl-għajn tax-xellug, fosthom sibt bħala ġrieħi li sibt kienu li l-għajn ix-xellugija kienet ftit minfuħa u ħamra. Il-vista kienet ftit imnaqqsa għal grad li ngħidulu 6:36 snellen vision, meta applikajtilha pinhole sabiex nara kemm tista' tiġi tara l-aħjar. U bħala ġrieħi oħra li sibt kienu li n-naħa tal-cornea, il-biċċa ta' fuq il-biċċa ta' isfel kienu misluħa.*
*[…]*

*Dan li sibt jien jista' jiġi minn any trauma, jiġifieri fl-għajn anke jekk wieħed iħokk għajnejh hija forma ta' trauma lejn l-għajn. Jiġifieri jekk għajnejk tkun diġà mardet qabel, eżempju, għall-argument u jkollha l-cornea diġà fraġli, tista' tinstelaħ faċilment ħafna.*

*[…]*

[11] Xehed fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2019 a fol 114 et seq

***Pros:*** *In-natura ta' dawn il-ġrieħi?*

***Ix-xhud:*** *Hija ħafifa għaliex fil-maġġoranza tal-każi dawn l-affarijiet ifiequ mingħajr inkwiet ta' xejn.*

Il-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Mix-xhieda lis emghet il-Qorti u l-evidenza medika jirrizulta li meta ra l-oftimologiu jirrizulta li l-parte civile kellha ferita hafifa.  L-oftimologista

ma jeskludiex li meta persuna **<u>thokk ghajnejha jista' jkollha dan it-tip ta' effett.</u>** Huwa ma eskludiex dan.

Il-Qorti ghandha diffikulta biex tistabilixxi kif tassew sehhet din il-ferita hafifa ghaliex il-parte civile Evelyn Micallef fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti qalet biss li:

*FIs-Sixteen u fis-Seventeen gie ghaliha fl-Ghassa ta' B'Bugia u qabad itini gol-Ghassa ta' B'Bugia, tani daqqa f'ghajnejha.*

*Ghandi c-certifikati.*[12]

Fl-istqarrijali ta l-imputat lill-pulizija a tempo vergine (*a fol* 35 *et seq*)[13]:

*Dhalna jien u t-tifel l-Ghassa u Evelyn kienet hemm. Kif dhalt bdiet tghajat, it-tifel qabad jibki u giet biex ixxejirli daqqa ta' harta. U jien mort biex nilqaha. Mbaghad tlaqt il-barra u qbadt it-tifel u tlaqt ghand ommi'*

*M. Ara Evelyn ghamlet certifikat li kienet sofriet xi griehi f'ghajnejha, dank if soffriet dawn il-griehi?*

*R. X'hin ilqajtha jien.*

*M. Ara u jekk nghidlek li int filfatt mhux ghax lqajt id-daqqa, izda ghax ippuntajt subajk lejn wicha li spiccajt ilqathha f'ghajnejha, x'ghandek xi tghid?*

*R. Le, Arai l-verita' kienet li jien mort nghidilha biex lili thalini u ippuntajt subghajha f'ghajnieha.*

[12] Xehdet fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2019 *a fol* 60 sa 69
[13] Fis-17 ta' Mejju 2019 fil-hdax ta' bil-lejl (11 pm)

**<u>Jonathan Caruana</u>**[14] jixhed li: *"meta konna l-Ghassa morna biex taghmel rapport dahlet sewwa u harget b'daqqa go ghajnejha. Imma jien ma rajtux itihielha."*

L-uniku xhud indipendenti li jixhed dwar l-incident **<u>PC1401 Christopher Copperstone</u>** jghid: *"Hin minnhom tant skala l-argument li qalet li dahhlilha subghajha go ghajnejha .. jine ma rajtx demm. Rajtha toghrok ghajnejha biss. Jiena rajtu jipponta subajgh hin minnhom."*[15] Mistoqsi mill-Qorti jekk rahx idahhal subajgh f'ghajn il-parte civile hu baqa' jsostni "*Le, Le. Ma rajtux"*

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Il- **Pulizija vs. Emmanuel Attard**" [3.4.2003] li ghalkemm jista' jkun hemm "certu konflitt fil-provi , dan ma jfissirx li dan ghandu bil-fors johloq dubju dettat mir-raguni li necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni. F''kull kaz ix-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar (Art. 638 (2) tal-Kap.9).

U kwistjoni dwar il- kredibilita' ta' xhud tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

---

[14] Xehed fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2019 *a fol* 77

[15] Xehed fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2019 *a fol* 106 et seq.

Il-Qorti fliet id-disa' pagni ta' xhieda li tat il-parte civile u fuq l-incident li l-Prosekuzzjoni qieghda tibbaza l-akkuza l-aktar serja hemm biss tliet linji. Il-Qorti tistenna li f'kazijiet serji bhal dawn fejn ghandek akkuza ta' vjolenza domestika ghandha tidhol aktar fil-fond bil-mistoqsijiet li ssaqsi. Kif il-Prosekuzzjoni tippretendi li din il-Qorti b'dawn it-tliet linji, bl-ebda dettal ta' xejn il-Qorti tista' tikkundanna lill-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni.

## Provokazzjoni

Il-Qorti f'kazijiet ta' allegata vjolenza toqghod hafna katar attenta biex tanalizza l-kaz ta' quddiemha. **Filwaqt li terga' ttenni li vjolenza qatt m'ghandha tintuza anke jekk persuna thoss li qieghda tkun ipprovokata[16].** F'certu kazijiet jiskatta l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Il-Kodici Kriminali taghna jippermetti l-iskuzanti tal-provokazzjoni fil-kaz ta' omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna (Artikolu 227

---

[16] Ara decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joel Portelli** deciza Ghawdex fit-18 ta' Gunju 2019 fejn dwar il-vjolenza domestika kien dikjarat: *Ir-relazzjonijiet tagħna fil-familja huma importanti ħafna f'ħajjitna għaliex il-familja għandha tkun l-ambjent fejn insibu lil min iħobbna u lil min inħobbu. Il-familja hija l-post fejn għandek tħossok safe u fejn tista' tkun libera jew liberu taqsam ħajtek ma' dawk ta' madwarek.*

*Imma sfortunatament hawn ambjenti li huma eżatt il-kontra ta' dak li l-familja għandha tkun: ambjenti fejn m'hemmx sliem, fejn nisa u tfal, u xi drabi anke irġiel, jiġu abbużati, imbeżżgħa, u anke umiljati minn xi membru ieħor tal-familja, kultant anke jispiċċaw vittmi ta' vjolenza ħarxa.*

*Il-vjolenza fil-familja hi mifruxa. Hi fost l-agħar vjolenza li wieħed jista' jesperjenza għaliex hija vjolenza mwettqa minn min suppost iħobbok u suppost jipproteġik fid-dar; il-post li suppost huwa l-aktar post fejn għandek protezzjoni f'ħajtek u fejn it-tfal jitgħallmu l-eżempji tajba biex jikbru f'adulti maturi.*

*Il-vjolenza fil-familja hija dejjem ħażina u qatt ma tista' tiġi ġustifikata, kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-vjolenza. Il-vjolenza tfarrak lill-persuna li tkun qed tiġi attakkata; tkissrilha l-istima tagħha nnifisha; taqtagħha mill-kumplament tal-familja u xi drabi twassal għal mard serju u konsegwenzi koroh.*

*Vjolenza domestika mhix sempliċiment problema privata tal-familja li trid tinżamm wara bibien magħluqa, iżda sitwazzjoni pubblika li twassal għall-problemi fis-soċjetà. Tħalli impatt fuq setturi varji, waqt li twassal ukoll għall-vjolenza u kriminalità.*

u 230 tal-Kap 9) jew fl-artikolu 325 dwar hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Jekk accettata, tali skuzanti ma iggibx il-liberazzjoni izda diminuzzjoni fil-piena wara li jkun hemm sejbien ta' htija. L-artikolu 235 jaghmilha cara li l-provokazzjoni ma tkunx tiswa lil-hati jekk din ma tkunx sehhet fl-istess waqt tal-azzjoni provenjenti mill-parti offiza. L-ingredjent indispensabbli ghas-success ta' din l-iskuzanti hu ghalhekk li l-azzjoni provokanti u r-reazzjoni ghaliha jridu jkunu sehhew fl-istess waqt.

L-artikolu 227 li jitkellem dwar l-iskuzanti fl-omicidju u li huwa applikabbli ghal kaz ta' offiza volontarja fuq il-persuna bis-sahha tal-artikolu 230 li jipprovdi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hi skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a), (b), (c) u (d), jekk provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna.

Jekk wiehed ihares lejn l-artikolu 227 li jiskuza l-omicidju volontarju isib li dak applikabbli ghal kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa s-subartikolu (a) li jipprovdi l-iskuzanti *"jekk ikun provokat b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija."*

L-ewwel element indispensabbli ghall-invokazzjoni b'success tal-iskuzanti tal-provokazzjoni hu dak imsemmi fl-artikolu 325 li jipprovdi hekk: *"Ma jiswiex lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza."*

It-tieni element jirrikjedi li r-reazzjoni tkun provokata minn offiza gravi jew b'delitt kontra l-persuna suggetta ghal-piena ta' aktar minn sena prigunerija.

Is-subartikolu (c) tal-artikolu 227 imbaghad jaghmilha cara li sabiex provokazzjonijiet ohra jitqiesu bhala skuzanti jehtieg li jissodisfaw wkoll rekwizit iehor u cioe` li r-raguni ghal dik l-azzjoni "*kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

**Il-Qorti ma thossx li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ippruvat li l-imputat ikkaguna griehi hfifef fuq Evelyn Micallef u ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha ghaliex tidhol f'dan it-territorju meta m'hemmx bzonn.**

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

**<u>Uzu ta' apparat ta' lomunikazzjoni elettronika b'theddid ta' reat</u>**

Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta-Att XI.2018.32.

Dan l-artikolu llum il-gurnata jaqra:

> '*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
>
> *(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,*

*ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija Spettur Martin Sammut vs Dr. Alfred Grech**[17]'gie kkunsidrat li:

*'L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-uzu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-ligi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-uzu ta' xi*

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Lulju, 2013 (Numru 344/2012)

*network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (c ) jingħad li "jagħmel uz u ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix nec essarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c ) msemmi in kwantu huma messaggi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (c) msemmi.'*

Kif gia` kellha l-opportunita din il-Qorti li tikkummenta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francine Cini** *"uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratt theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti."*[18]

Il-Prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq ix-xhieda biss ta' dak li qalu l-*parte civile* Evelyn Micallef u ohtha Rita Borg. Il-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* naqsu li jipprezentaw provi biex jissustanzaw din l-imputazzjoni tant li ma esebew l-ebda informazzjoni minghand *service providers* tal-allegati telefonati li seta' kien hemm u mill-liema numru saru u lil min dawn jappartjenu. La l-*parte civile*, la ohtha u lanqas dak li kien boyfriend

[18] Pulizija vs Francine Cini deciza fl-24 ta' Lulju 2017

taghha wara li spiccat ir-relazzjoni mal-imputat ma jaghtu dettalji ta' dati u hinijiet li fihom sar it-theddid permezz tat-telefonati u mil-liema servizz ta' telefonija saru jekk dejjem dawn it-telefonati saru.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil- 25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> *"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l- ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l- Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill- appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ordni li trid tinghata lil dak li jkun trid tingahta de viso. L-ghan ta' din il-kontravenzjonni hija li l-ufficcjal pubbliku ikun qed jghamel xi xoghol in konnessjoni mal-kariga tieghu u jigi impedut minn terza persuna ghal xi raguni jew ohra u dak il-hin l-

ufficcjal jghati xi ordni lil dak li jkun bil-ghan li ma jfixklux fil-qadi ta' dmirijietu. L-ghan ta' din il-kontravenzjoni hi sabiex l ufficcjali jithalla jahdem fil-kwiet u minghajr interferenzi.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-imputat obda l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija kif xehdu l-pulizija stess, liema xhieda kienet ikkwotata aktar 'l fuq. Is-Surgent Farrugia xehdet li meta talbitu jmur l-Ghassa mar u anke ta l-armi li kellu registrati b'mod regolari u li kienu qeghdin jinzammu skont il-licenzja li kellu. Il-Kuntistabbli Copperstone xehed li meta l-imputat mar l-Ghassa jaghmel rapport u ntalab imur inehhi l-karrozza tieghu minn fuq ir-reserved parking tal-Ghassa hareg u ghamel dan, u kienet il-parte civile li meta l-Kuntistabbli qalilha titlaq mill-Ghassa ghax xamm l-inkwiet hija ma telqitx fejn imbaghad inqala l-argument li l-Qorti trattat dwaru f'dettal aktar 'l fuq.

Ghalhekk il-Qorti mhix se ssib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

**Ir-raba' imputazzjoni**
**Ksur tal-Artikolu 251(A) tal-Kap. 9 (Ir-Reat tal-Fastidju)**

Il-Qrati taghna kellhom l-opporunita` kemm -il darba li jezaminaw l-aspetti intrinsici legali ta' dan ir-reat. Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Natal Fava** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Frar 2014.

Il-Qorti spjegat li:

*"r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati flartikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba filligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill- gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik ilpersuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person*

*and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- "-. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fittest Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

Minn ezami tal-provi prodotti, il-*parte civile* fix-xhieda taghha ssemmi xi incidenti li seta kien hemm bejn il-partijiet izda ma taghtiex dati, hin jew lok fejn sehhew izda imkien fix-xhieda taghha ma tistqarr kif tali fastidju sehh. Il-Qorti pero` ghandha dubji sejri (u mhux sempliciment dubji ombra) kemm tista' tinstab htija tal-imputat taht dan l-artikolu tal-ligi.

**<u>Il-hames imputazzjoni</u>**

**<u>Ir-reat ta' min bl-imgieba tiegħu jikkaġuna lil ħaddieħor biza'</u>**

L-artikolu 251B li jiffigura f'din l-imputazzjoni johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tiegħu jikkaġuna li ħaddieħor jibza' li ser tintuża vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tiegħu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet.

Ta' min jghid li f'dan l-artikolu jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. It-test li jrid jigi applikat hu wiehed oggettiv tar-reasonable man.[19]

[19] Ara Qorti tal-Appell Kriminali: Imħallef Dr Joe Galea Debono B.A.LL.D (**Il-Pulizija versus Raymond Parnis** 18 ta' Ġunju 2009 u Qorti tal-Appell Kriminali '**Il-Pulizija versus Massimo Tivisini** 27 ta' Frar 2009).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Brian Micallef** tal-14 ta' Ottubru 2011, il-Qorti kienet irrimarkat hekk b'riferenza ghal dak imqajjem mill-appellant li r-reat kontemplat taht l-artikolu 251B ma setax jirrizulta ghax il-kaz kien wiehed ta' darba:

> *"Ser issa jigi kunsidrat it-tieni aggravju tal-appellant b'riferenza ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali. F'dan ir-rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setgħet qatt twassal għal sejbien ta' ħtija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' l-anqas żewġ okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat de quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta. Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu,*

*la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament tagħti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tiegħu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f'mhux anqas minn żewġ okkażjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li gie pruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkażjoni waħda din il-Qorti sejra għalhekk tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni.'* [20]

L-artikolu 251B jinsab fis-subtitolu IX taħt it-Titolu 'Theddid, Vjolenza Privata u Harassment'. Analiżi tal-artikolu 251B turi li jrid ikun hemm dawn l-elementi: (a) a course of conduct – 'l-imġiba tagħha' fit-test Malti; (b) iġġiegħel lil ħadd ieħor jaħseb li ser tintuża l-vjolenza kontrih jew il-propjeta' tiegħu jew il-persuna jew il-propjeta' ta' axxendenti, dixxendenti, aħwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1); (ċ) it-test tar-reasonable man għal dik li hija intenzjoni."

[20] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Dorianne Caruana** deciza fl-20 ta' Settembru 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kaz Numru 506/2011).

Applikati l-principji legali suesposti ghall-fatti in kawza, jirrizulta li l-kaz in kwistjoni jirreferi ghall-incident ta' darba jekk wiehed jemmen il-verzjoni tal-*parte civile* u ma kienx hemm il-course of conduct rikjest mill-artikolu 251B. L-imgieba indikata f'dan l-artikolu riedet tirrizulta mill-anqas f'zewg okkazzjonijiet. Ma ingabu l-ebda provi f'dan is-sens. Fic-cirkostanzi ghalhekk din l-imputazzjoni lanqas ma tirrizulta.

**DECIDE:**

Li in bazi għall-provi prodotti, din il-Qorti mhix f'qagħda li serenament tista' ssib ħtija fl-imputat u dan minħabba li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur